*DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ* (PESK) 2019/2189

**tas-17 ta' Diċembru 2019**

**DWAR IL-ĦATRA TAL-KAP TAL-MISSJONI GĦALL-MISSJONI TA' KONSULENZA TAL-PSDK TAL-UNJONI EWROPEA FIR-REPUBBLIKA ĊENTRU-AFRIKANA (EUAM RCA) (EUAM RCA/1/2019)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2110 tad-9 ta' Diċembru 2019 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA), inkluż id-deċiżjoni tal-ħatra ta' Kap tal-Missjoni.

(2) Fit-12 ta' Diċembru 2019, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-ħatra tas-Sur Paulo SOARES bħala Kap tal-Missjoni għall-Missjoni EUAM RCA mid-9 ta' Diċembru 2019 sat-8 ta' Diċembru 2020,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Paulo SOARES huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni għall-Missjoni ta' Konsulenza tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) mid-9 ta' Diċembru 2019 sat-8 ta' Diċembru 2020.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mid-9 ta' Diċembru 2019.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
S. FROM-EMMESBERGER

([1]) ĠU L 318, 10.12.2019, p. 141.